**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 2 TA' LULJU, 2002

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 1216/02 AE**

**Anthony Baldacchino**

**Vs**

**Norbert Ellul**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' disgha mija u tlieta u tmenin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm983.22), import ta' erbatax-il kambjala

accettati u ffirmati u li mmaturaw mill-11 ta' Frar 2001 sal-11 ta' Mejju 2002.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 17) u li permezz taghha ecepixxa li kien hemm trattattivi serji ghaddejjin bejn il-kontendenti u anzi kienu waslu f'arrangament fejn il-konvenut kellu jikkonsenja lura l-karrozza.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-hlas ghadu kollu dovut.

Ra li l-konvenut naqas milli jidher ghas-seduta tal-lum u li l-kawza kienet thalliet ghall-provi kollha tal-konvenut (fol. 18).

Il-konvenut naqas milli jressaq provi ta' dak minnu allegat fir-risposta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' disgha mija u tlieta u tmenin

lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm983.22), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**